FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru sitta u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 18 ta' April 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur P Dalli<br>Chev. D Marmara' KLJ – 6.35p.m |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur C Bonello kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba xogħol, is-Sur M Lombardo kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba impenji familjari filwaqt li s-Sur A. Debono nforma lill-Kunsill li kien ser ikun msiefer.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Finanzi

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet sabiex jiġu approvati l-*Financial Statements* tas-sena finanzjarja 2010 li ġew emendati bl-aġġustamenti proposti mill-Udituri.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3007/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-*Financial Statements* annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 3007/11/6 kienet approvata nem con.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li issa li ġew approvati l-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2010, dawn jintbgħatu lill-Udituri tal-Kunsill biex flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni, jintbgħatu lin-*National Audit Office*.

Mayor, Vice Mayor, Councillors, Dep + Cl. Staff

Il-laqgħa ntemmet fis-6.37p.m.

Sindku

D/Segretarju